MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 40/2008

**Michael Attard Holdings Limited**
**gia Michael Attard Ltd (C6093)**

**Vs**

**Mark Anthony Borg u Gina Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' €4403.91 (erbat elef erba mija u tlett euros u wiehed u disghin euro centezmu) rapprezentanti import ta' 20 (ghoxrin) kambjala skaduti accettati u firmati mill-intimati.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-19 ta' Mejju 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4403.91 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Frar 2008, in vista li ma gewx esebiti l-kambjalijiet imsemmija fl-avviz, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------